# Ġużeppi Calì u l-pittura tiegħu fil-Knisja tagħna

Is-sena l-oħra fuq wieħed mill-programmi tal-festa tagħna kont ktibt fuq il-kwadru ta' l-Agunija li għandna fil-Knisja Parrokkjali. Dan il-kwadru ta' Lazzaro Pisani hu wieħed mill-isbaħ li għandna. Din is-sena xtaqt nikteb fuq kwadru ieħor, dak ta' San Ġużepp li xejn mhu anqas minnu f'dik li arti u sbuħija. Dan il-kwadru hu xogħol ta' Guzeppe Calì. Iż-żewġ pitturi li semmejna huma l-protagonisti li żejnu l-knejjes ta' Malta u Għawdex bil-pittura reliġjuża tagħhom bejn nofs is-seklu dsatax u kważi nofs is-seklu għoxrin. Tista' tgħid li ma hawnx Knisja Parrokkjali waħda kemm f'Malta, kif ukoll f'Għawdex li m'għandiex xi pittura tagħhom.

Għalkemm aħna nafu dan il-kwadru bħala ta' San Ġużepp, dan jirrappreżenta l-patriċinju ta' San Ġużepp jew aħjar lil San Ġużepp bħala Patrun tal-Knisja Kattolika kif kien iddikjarah il-Papa Piju IX fit-8 ta' Diċembru 1870.

L-awtur pinġa l-persunaġġi f'dan il-kwadru fi Trianglu jiġifieri l-Ispirtu s-Santu fuq nett tal-kwadru, fin-nos il-Familja Mqaddsa, fil-lemin mara li tippreżenta l-knisja u għalhekk qegħda żżomm mudell ta' Knisja f'idejha u fix-xellug ix-xitan wiċċu ma' l-art. Fin-nofs t'isfel tal-kwadru l-awtur pinġa reċipjent bin-nar u l-ktieb tal-ereżija bis-serp fuqu. Il-pittur pinġa anġlu ħelu bil-vleġġa f'idu immirata lejn ix-xitan. Għalkemm il-Familja Mqaddsa hi ċ-ċentru tal-kwadru l-figura ta' San Ġużepp hi l-aktar waħda li tiġbed l-attenzjoni. Il-Madonna qed tħares lejn il-Bambin u żżommu biex bħal li kieku ma jitlifx il-bilanċ billi d-daqs ta' Ġesù Bambin hu ta' tifel li se jitlaq jimxi. Il-Bambin qiegħed fin-nofs tal-Familja Mqaddsa fuq riġlejn ommu. Il-Kwadru hu ffirmat mill-awtur.

Ġużeppi Calì pinġa l-kwadru ta' San Ġużepp fl-1890 u tħallas biss Lm30 għalkemm dan hu kbir. Barra dan Calì pinġa oħrajn għall-Knisja tagħna fosthom it-titular ta' San Bartilmew fl-1902 u li kien tħallas minn Federik Attard. Il-kwadru ta' San Mikiel (1909) hu wkoll xogħol ta' dan il-pittur u kien tħallas minn Ġużeppi Xuereb. Barra dawn li semmejna Calì pinġa xi kwadri żgħar li llum jinsabu fis-sagristija. Fost dawn insibu dak ta' Sant'Anna li kien pinġa għas-Solidarjetà ta' Sant'Anna tal-parroċċa tagħna.

Ġużeppi Calì twieled fil-Belt Valletta fid-dar tal-ġenituri tiegħu fi 88 Triq Zekka fl-14 t'Awissu 1846 u ġie mgħammed fil-Knisja ta' San Duminku li meta kiber żejjen bil-pittura tiegħu. Missieru Raffaele Calì kien xenografu naplitan (pittur tax-xenarju tal-palk) u kien jaħdem fit-Teatru Manoel. Kien ukoll mużiċista, ommu Giovanna Padigerone kienet kantanta napletana. Bin is-sena jgħidu li għandu nofsha u għalhekk l-ewwel tagħlim fil-pittura Ġużeppi Calì ħadu minn għand missieru. Iżda kien is-Sur William Eynaud li meta ntebaħ bit-talent ta' dan it-tifel, għax rah ipinġi qattus fuq ħajt fi Triq it-Teatru, ħadu fl-Accademia delle Belle Arti f'Napli biex jitħarreġ fil-pittura. Jingħad li kien il-kelb tas-Sur Eynaud li ġibidlu l-attenzjoni tat-tpinġija tal-qattus għax beda jinbah għalih daqs kemm kien pinġieh tajjeb. F'Napli huwa tgħallem taħt Guseppe Mantinelli u Domenico Morelli. L-influwenza ta' Morelli tidher sewwa fil-pittura ta' Calì.

Wara sentejn f'Napli huwa ġie Malta. L-ewwel xogħol tiegħu kien il-mewt ta' Dragut li penġieh fl-1865 tielet ċentinarju ta' l-Assedju l-Kbir. Dan il-kwadru juri l-mewt ta' Dragut li seħħet mal-waqa ta' Sant'Iermu, hu l-kapulavur ta' Ġużeppi Calì.

B'xorti tajba dan kien xtrah il-gvern biex jitqiegħed fl-Armerija tal-Palazz. Kwadru ieħor li hu xogħol mill-aqwa ta' dan il-pittur hu San Girolamo li kien pinġieh fl-1881 għall-knisja tas-Sacro Cuor tas-Sliema. Iżda l-aktar biċċa xogħol f'dik li hi kobor ta' pittura hu s-saqaf tal-Knisja ta' San Franġisk tal-Belt magħruf aħjar l-Apoteosi ta' San Franġisk. Dan hu xogħol affresk fuq il-ġebla maltija għalkemm Calì qatt ma xtaq ipitter fuq il-ġebla maltija għax kien tal-fehma li din hi ratba u sponżjuża u mhux tajba għax-xogħol tal-pittura affresk.

B'kollox Ġużeppi Calì pinġa 621 kwadru li l-parti l-kbira minnhom huma suġġetti reliġjużi u jinsabu fil-knejjes ta' Malta u Għawdex. Aħna għandna nkunu kburin li l-Knisja tagħna għandha kwadri tiegħu fosthom dak ta' San Ġużeppi u t-Titular ta' San Bartilmew.